MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 97/2012

**Appell Nru. 97/2012**

**Il-Pulizija**

**(Spt. Anthony Agius)**

**Vs**

**Joseph Cachia**

**Illum 27 ta' Novembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 1008647(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi akkuzat talli bhala persuna li thaddem ghas-snin 1998, 1999, 2000, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jew fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa skond id-disposizzjoniet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 23(1)(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll r-regolamenti 15 u 20 ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998 sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' hames mitt Euro (€500) u multa addizzjonial ta' sebgha Euro (€7.00) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas ta'l-appellant.

Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga' jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le tinghata sentenza, b' zieda ma' kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija; u hekk misjub hati ghat-tieni darba u wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f 'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b' zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Cachia minnu pprezentat fit-28 ta' Frar, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellat huwa s-segwenti w cioe':-

1. llli fl-ewwel lok u bir-rispett l-appellant umilment jirrileva illi s-sejbien tal-htija tieghu mill-ewwel Onorabbli Qorti, hija wahda verament ‘unsafe and unsatisfactory'.

llli l-appellant huwa tal-umili fehema illi in linea generali r-rizultanzi processwali, addirittura, mhux talli ma kellhomx iwasslu ghas-sejbien tal-htija izda kellhom ikunu, a priori, il-bazi ghaliex procedura bhal din ma kelliex tkun ikkontemplata kontra l-appellant.

lr-responsabbilita' kriminali skond l-imputazloni kif dedotta tidher li tistrieh principalment fuq is-segwenti fatturi u cioe' –

(a) "... persuna li thaddem .."; (b) "... naqas li jibghat il-formuli tat-taxxa ..."; (c) "..rizoluzzjoni..".

llli l-appellant qara bir-reqqa s-sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti u qara wkoll bir-reqqa l-artikoli tal-ligi applikabbli taht il-kap 372 u ta' l-A.L. 88 tal-1998. U bl-akbar rispett jinnota li hawn si tratta ta' interpretazjoni zbaljala tar-rizultanzi processwali u li kelIha bhala konsegwenza applikazloni zbaljata ta l-ligi.

F'dan il-kuntest trid tinzamm fil-perspettiva dejjem illi l-ligi ma tigix applikata in vaccum, trid tigi applikata ghal bniedem ghax maghmulha mill-bniedem, trid tigi applikata bl-intiza li tigi evitata kwalunkwe forma ta' ingustizja, trid tigi applikata bil-buon sens - trid tigi applikata b'mod li wiehed, meta jara r-rizultat finali, ikun jista serenement ihoss li saret gustizzja Jekk dan ma jkunx ir-rizultat, allura l-ligi tkun falliet fl-iskop taghha li tintlahaq il-gustizzja.

Il-prosekuzfoni, fil-kaz tal-appellant, iddecidiet li tharrku bhala persuna li thaddem. Ghamlet hekk mhux b'xi kumbinazzjoni izda ghaliex l-ispirtu tal-ligi (u hawn wiehed jara verament kif l-ispirtu tal-ligi/artikoli applikabbli hu li, persuna – fit-test ingliz "Payer" - irid

ikun verament persuna li jhaddem) hu hekk. Persuna tirregistra bhala "payer" bl-intiza li jhaddem. Persuna li ma thaddimx m'ghandhiex l-istess obbligi bhal persuna li thaddem. U huwa hawnhekk fejn il-prosekuzzjoni u/jew id-dipartiment tat-taxxa zbaljaw. Imputazzjoni bhal dik mahruga kellha tkun indirizzata lejn is-socjeta' Masterprint Limited u/jew lejn ir-rappresentanti legali taghha u mhux lejn persuna li ma thaddimx, ma tirrappresentax lis-socjeta', li mis-sena 1991 kienet irrizenjat, kienet mhux aktar f'pozizzjoni fattwali u legali li taghmel l-obbligi naxxenti, per ezempju, mill-artikoli 15, 20,21(1) u 22(1) tal-Avviz Legali 88 tal-1998!

Il-fatti mhux kontestati huma cari - u ghalhekk ma humiex kontestati! L-appellant irrezenja minn direttur lura fis-sena 1991. L-impjegati ma kienux tieghu izda tas-socjeta' Masterprint Limited. Din is-socjeta' assumiet l-obbligi bhala l-"payer', ghax in effetti hi kienet qed thaddem u hi kienet qed thallis il-pagi u mhux l-appellant. Dawn bhala fatti huma accettati anki mid-dipartiment koncernat (ara f'dan is-sens l-korrispondenza esebita miil-appellant).

L-ewwel Onorabbli Qorti rrikonoxxiet li l-appellant, minkejja li baqa' registrat, ma kellux persuni impjegati mieghu u allura ma kienx qed ihallas pagi u allura ma kellux x'jaqsam ma bollol jew taxxa. Jidher ukoll li l-ewwel Onorabbli Qorti gharfet li s-socjeta' baqghet tuza r-registrazzloni ai fini ta' formalitajiet koncernanti gbir u hlas ta' bolla u taxxa ta' l-impjegati anki meta l-appellant kien irrizenja minn direttur ta' l-istess socjeta'. Sfortunatament,

minkejja l-kwadru car kif irrizulta, l-Ewwel Onorabbli Qorti giet indotta fl-izball. Il-Qorti tghid testwalment "Persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi bhala persuna li thaddem trid tibqa tibghat it-formoli kollha imsemmija fil-ligi sa kemm tibqa hekk registrata anke jekk jkolliex ma impjegati". Bir-rispett jigi osservat li din id-dikjarazzjoni tippostula kontro-sens. Qed isir l-izball Ii persuna registrata li thaddem qed tigi ekwiparata ma persuna registrat li ma thaddimx. Dan hu fih innifsu kontro-sens kemm fattwali kif ukoll legali. Registrazzjoni ma tistax tigi zgancata mill-fatt tat-thaddim ta' impjegati. It-tnejn huma zewg holoq f'katina wahda. U allura, jekk wahda minn dawn il-holoq hija nieqsa, ikollok legalment rottura fil- linja fattwali li jkun hemm bzonn biex tinstab il-htija taht il-ligi penali.

Bir-rispett ukoll jigi sottomess illi l-izball kardinali fil-kaz odjern hu li nuqqas amministrattiv, jekk tista ssejjahlu hekk, qed jigi ekwiparat ma nuqqas ta' entita' kriminali. L-appellant kien regisirat bhala li jhaddem u wara, l-gestjoni waqghet f idejn socjeta' u allura f'persuna gdida. L-impjegati saru tal-persuna l-gdida. L-appellant irrezenja mis-socjeta' fl-1991. Is-socjeta' baqghet thaddem u tahdem. Realment u legalment l-obbligi kienu issa fuq is-socjeta'.

Min kien ihaddem? - is-socjeta'.

Min kien ihallas il-pagi? - is-socjeta'.

Min kellu effettivament, fattwalment u legalment, jonora l-obbligi bhala "payer"? - is-socjeta'.

Fattwalment u legalment, la darba hija s-socjeta' li timpjega, hija s-socjeta' li ghandha tonora l-obbligi naxxenti mil-Kap 372 u mhux l-appellant, kif qed jinghad fis-sentenza appellata. Anki l-logika legali twasslek ghal din il-konkluzjoni. L-appellant ma jhaddimx -

allura hu ma jhallasx pagi - u allura ma ghandux jaghmel hlasijiet ta' bolla u taxxa ta' l-impjegati. L-azzjoni kellha kun indirizzata lejn ir-rappresentanti legali tas-socjeta'. Dak li kien amministrattiv f'dan il-kaz kellu jibqa fl-isfera amministrattiva u mhux jigi konvertit f'kwistjoni penali bi pregudizzju liema bhalu kontra l-appellant. In-nuqqas aministrattiv ta' l-appellant, jekk tista ssejjahlu hekk, kellu jigi indirizzal fil-livell aministrattiv - ghax mill-mument tar-rizenia tieghu minn direttur, l-obbligi kienu tas-socjeta' u jekk kien hemm xi

nuqqasijiet li jinkwadraw ruhhom fir-regoli penali, dawn kienu nuqqasijiet tas-socjeta' u mhux ta' l-appellant.

Naturalment, f'dan il-kuntest, is-sottomissjonijiet umili tal-appellant isibu konfort fl-interpretazzjoni legittima li ghandha tinghata lill-artikoli 2 u 30, fost ohrajn, tal-Avviz legali 88 ta' l-1998.

Ghalhekk jigi sottomess bir-rispett li l-appellant, a bazi tar-rizultanzi processwali, m'ghandux jinstab hati tal-imputazzjoni kif dedotta u minnha ghandu jigi lliberat skond il-ligi;

2. llli minghajr pregudizzju ghall-premess, jigi sottolineat punt iehor importanti fil-kaz odjern li jidher li gie skartat ghal kollox - dan hu li jirrigwarda l-element intenzjonali.

L-imputazjoni dedotta kontra l-appellant hija delitt - ara d-dicitura kif ukoll s-sanzjonijiet applikabbli. U allura hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-element fattwali u dak intenzjonali sal grad rikjest.

Ma hemm xejn fil-ligi in materja li teskludi l-htiega li l-prosekuzzjoni trid tipprova l-element intenzjonali.

L-element intenzjonali, fil-materja in ezami, huwa dak generali – li taf u trid tikser il-ligi.

llli premess dan kollu, bir-rispett jigi sottomess Ii dan l-element,tant importanti biex tkun tista tinstab il-htija penali fuq individwu, hu evidentement nieqes u ma giex ippruvat mill-

prosekuzjoni – u bhala konsegwenza ta' hekk, anki fuq dan il-punt, l-Ewwel Onorabbli Qorti giet indotta fl-izball.

Wiehed irid jistaqsi f'dan l-analizi s-segwenti mistoqsija – gie ppruvat li l-appellant kien konxju u ried (l-intenzjoni generika – la capacita' di conoscere e di volere) li jikser il-ligi?

U r-risposta ghal din il-mistoqsija taghtiha l-Ewwel Onorabbli Qorti stess fis-sentenza appellata meta senjatament tghid is-segwenti "..B'dan l-agir ghazel, anke jekk inkonxjament, li jibqa responsabbli...". Din hija l-pozizzjoni ufficjali ta' l-Ewwel Onorabbli

Qorti. Mill-provi migjuba quddiemha, l-Ewwel Onorabbli Qorti setghet tasal biss sal-konkluzjoni li l-appellant, ghamel dak li ghamel, inkonxjament jigifieri mhux ghax ried; u allura b'negligenza presumibbilment amministrattiva.

ln linea ma din is-sottomissjoni irid jigi osservat ukoll li l-prosekuzzjoni resqet ukoll id-dispost ta' l-Artikolu 18 tal-Kap 9 inter alia, juza l-kelma "rizoluzzjoni" dicitura li tincidi fuq l-intenzjoni.

ln-nuqqas ta' dan l-element igib bhala konsegwenza n-nuqqas ta' htija tal-imputazzjoni ta' natura penali u kwindi l-appellant ghandu jigi lliberat skond il-ligi.

3. llli minghajr pregudizzju ghall-premess, u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umili appell, l-appellant umilment jemmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant f'ismu personali irregistra mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala persuna li thaddem. F'xi zmien, in-negozju tieghu flimkien mal-impjegati gie trasferit lil socjetà kummercjali Master Print Limited illi taghha baqa' direttur sad-dsatax (19) ta' Novembru elf disa' mija wiehed u disghin (1991). Gara però illi m'ghamilx il-proceduri necessarji biex ir-registrazzjoni li kien ghamel tigi mhassra jew trasferita f'isem is-socjetà Master Print Limited. L-appellant xehed illi huwa ifforma l-kumpanija Master Print ma' hutu fl-elf disa' mija tnejn u tmenin (1982); qabel kienet partnership u fl-elf disa' mija tnejn u tmenin (1982) saret kumpanija. Fl-elf disa' mija wiehed u disghin (1991) telaq minn mal-kumpanija li ghamel flimkien ma' hutu. Baghat il-Form K regolarment (ara fol 11). Sar jaf illi kien hemm problemi mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni meta rcieva l-akkuza. Xehed illi kien ilu ma jkollu x'jaqsam mal-kumpanija s-snin u "de-activation" form tal-kumpanija (fol 42) giet maghmula minn huh Frank. Ikkonferma però illi l-PE number ghadu jghajjat lilu sal-lum però argumenta illi r-responsabiltà biex jitnehha dak in-numru kien fuq huh Frank. Fi kwalunkwe kaz in-numru qatt ma uzah ghalih personalment izda dejjem ghall-kumpanija.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' din ix-xhieda rrizulta illi l-appellant ghadu registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bhala persuna illi thaddem. Minkejja illi huwa irrezenja fl-elf disa' mija wiehed u disghin (1991) ma ghamilx il-proceduri necessarji skont l-artikolu 22(1) tal-Avviz Legali 88/1998. Kwindi, la kien ghadu jidher bhala l-persuna responsabbli kellu jassigura illi l-ligi tigi osservata u r-returns anki jekk vojta, cioé nil returns, jintbaghtu regolarment. Dana fil-fatt ma sarx. Huwa inutli l-appellant jargumenta illi l-management tal-kumpanija dejjem baqghet f'idejn huh Frank u l-impjegati lilu jafu. Dan ghaliex lokalment l-appellant ghadu registrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni sal-lum. Saret riferenza ghal email mibghuta fl-elfejn u tlettax (2013) minn Frank Cachia fejn dan qal illi huwa responsabli ghall-pagament u mhux l-imputat. Din l-email ma taghmel l-ebda stat legali bejn l-appellant u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Hija dik il-procedura skont l-artikolu 22 tal-avviz legali fuq imsemmi illi jista' jezimi lill-appellant mir-responsabiltà mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Bin-nuqqas ta' formalità necessarja l-appellant kien indirettament qed jippermetti lis-socjetà Master Print li tibqa' tuza r-registrazzjoni tieghu ghall-fini tal-formalitajiet koncernanti, gbir u hlas ta'

bolla u taxxa tal-impjegati taghha. In-nuqqas ta' azzjoni tieghu ta dritt lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi jikkunsidrah bhala l-persuna responsabbli li thaddem is-socjetà ghall-fini tal-obbligu naxxenti mill-kapitlu 372.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Mhux il-kaz ghalhekk illi tigi disturbata din id-diskrezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'appell però lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni illi juza d-diskrezzjoni tieghu halli ma jigux applikati l-multi giornalieri li gew imposti fuq l-appellant.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------